(6) *G. Strack huwa kkundannat iħallas lill-Qorti Ġenerali somma ta' EUR 2 000 bħala rimbors ta' parti mill-ispejjeż sostnuti minnha.*

(1) ĠU C 186, 25.6.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2012 — Strack vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-199/11)** [1]

***("Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Artikoli 17, 17a, 19 u 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal — Talba għall-awtorizzazzjoni li jiġu żvelati dokumenti — Talba għall-awtorizzazzjoni li jiġi ppubblikat test — Talba għall-awtorizzazzjoni sabiex jiġu użati fatti quddiem l-awtoritajiet ġudizzjajri nazzjonali — Inammissibbiltà tar-rikors fl-ewwel istanza — Assenza ta' att li jikkawża preġudizzju — Artikolu 90a tar-Regolamenti tal-Persunal")***

(2013/C 38/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Guido Strack (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u B. Eggers, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-20 ta' Jannar 2011, Strack vs Il-Kummissjoni (F-132/07, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u li huwa intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *G. Strack huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.*

(3) *G. Strack huwa kkundannat iħallas lit-Tribunal l-ammont ta' EUR 2 000 sabiex jirrimborsa parti mill-ispejjeż li dan tal-aħħar kellu jsostni.*

(1) ĠU C 232, 06.08.2011

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2012 — Bimbo vs UASI — Grupo Bimbo (GRUPO BIMBO)**

**(Kawża T-357/11)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva GRUPO BIMBO — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti BIMBO — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Trade mark li għandha reputazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2013/C 38/34)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Bimbo, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Grupo Bimbo, SAB de CV (il-Belt tal-Messiku, il-Messiku)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-14 ta' April 2011, (Każ R 1272/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Bimbo, SA u Grupo Bimbo, SAB de CV.

**Dispożittiv**

(1) *Il-punti 1, 2 u 4 tad-dispożittiv tad-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-14 ta' April 2011, (Każ R 1272/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Bimbo, SA u Grupo Bimbo, SAB de CV, huma annullati.*

(2) *L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 252, 27.08.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2012 — Natura Selection vs UASI — Ménard (natura)**

**(Kawża T-461/11)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva natura — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti NATURA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2013/C 38/35)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Natura Selection, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: E. Sugrañes Coca, avukat)